**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Marzu, 2001

**Numru 18**

**Avviz. numru 47/00JR**

**Emanuel Magro**

**vs**

**Oscar u Modesta konjugi Farrugia u Vincenza Ellul u b'degriet tas-7 ta' Frar, 2000, giet kjamata in kawza Catherine Ciappara**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Jannar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u sbatax-il lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm117.54), rapprezentanti s-sehem taghhom dovut ghall-appogg skond stima mahruga mill-Perit Emanuel Zammit (u dan fl-ammont ta' sebgha u tmenin lira Maltija erbgha u hamsin centezmu Lm87.54) u kwantu ghall-**

**tletin lira Maltija (Lm30) rappresentanti spejjez inkorsi ghall-tibjid u zebgha wara li kien ipperkola ilma tax-xita mill-proprjeta` tal-konvenuti u li ghalih huma unikament responsabbli;**

**Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Frar, 1998, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-rispsota tal-konvenuti prezentata fis-26 ta' Jannar, 2000, li fiha intqal:**

i. **fl-ewwel lok li l-attur ma indikax ghall-liema fondi qed jippretendi l-hlas ta' l-appogg u ghalhekk ic-citazzjoni hi lakonika;**
ii. **illi f'kull kaz il-gudizzju mhux integru stante illi l-eccipjenti m'humiex l-unika sidien tal-fondi li presumibilment qed jigi mitlub dritt ta' appogg;**
iii. **Dejjem dwar dan il-presumibbli fond l-eccipjenti ma jistghux ikunu responsabbli hlief fil-porzjoni tal-kwoti rispettivi taghhom;**
iv. **Illi f'kull kaz l-ammont ta' dritt ta' appogg huwa inferjuri ghas-somma mitluba;**
v. **F'kull kaz ukoll l-ammont ta' tletin lira rapprezentanti spejjez allegatament inkorsi m'humiex dovuti.**

**Ra r-risposta tal-kjamata in kawza Catherine Ciappara, prezentata fit-18 t'Awissu, 2000, fejn intqal li l-azzjoni proposta di fronte ghall-eccipjenti kjamata in kawza hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.**

**Semgha x-xhieda ta' Emanuel Magro, Oscar Farrugia, Jesmond Darmanin, il-Perit Anton Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **L-ewwel eccezzjoni giet sorvolata peress li l-attur indika l-fond li ghalih qed jirreferi l-appogg, cioe` Plot 53, Qasam tal-Gvern, Triq Guzeppi Muscat, Qrendi. Hemmhekk kien twaqqa garaxx u nbnew zewg sulari.**
2. **Jirrizulta li kien sar kejl minn assitent tal-Perit Emanuel Zammit, u kien hareg ir-rapport tal-Perit dwar l-appogg dovut., Dok.A u A1.**
3. **Jirrizulta li s-sidien kienu apparti l-atturi, Catherine Ciappara u Vincenza Ellul. Is-sehem tal-konvenuti kien ta' tlett kwarti.**
4. **L-appogg dovut mill-konvenuti skond ir-rapport tal-Perit, kien jammonta ghall-nofs mija hamsa u sebghin lira Maltija u disa' centezmi (Lm175.09), u cioe` sebgha u tmenin lira Maltija erbgha u hamsin centezmu u hames millezmi (LM87.54,5). Ghalhekk is-sehem tal-konvenuti huwa ta' hamsa u sittin lira Maltija hamsa u sittin centezmu (Lm65.65), filwaqt li s-sehem tal-kjamata in kawza huwa ta' wiehed u ghoxrin lira Maltija disgha u tmenin centezmu (Lm21.89)**
5. **Pero` fil-konfront tal-kjamata in kawza din qatt ma ammettiet li kien hemm xi ammont dovut. Il-kont tal-Perit kien inhareg fis-16 ta'**

**Jannar, 1994, filwaqt li l-proceduri odjerni infethu fis-17 ta' Jannar, 2000, u cioe wara li kienu ghaddew is-seba' snin imsemmija fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, u ghalhekk l-azzjoni fil-konfront tal-kjamata in kawza hija preskritta.**

6. **Dwar it-tletin lira danni li qed jirreklama l-attur, it-Tribunal jirrizultalu mir-rapport tal-perit Emanuel Zammit, Dok.B1, li l-ilma kien dahal minhabba x-xogholijiet strutturali li kienu qed isiru fil-fond adjacenti. Dawn d-danni jirrizultaw mid-Dok.B li jirriferi ghall-hlas tat-tibjid li sar, u dana fl-ammont ta' tletin lira Maltin (Lm30.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jakkolji l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamata in kawza u jiddikjara l-azzjoni preskritta fil-konfront ta' l-istess a tenur ta' l-Artikolu 2156(f), qed jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti limitatament fl-ammont ta' hamsa u disghin lira Maltija hamsa u sittin centezmu (Lm95.65), u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' hamsa u disghin lira Maltija hamsa u sittin centezmu (Lm95.65), bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Jannar, 2000.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghadhom jigu sopportati ugwalment bejn l-attur u l-konvenuti.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**